MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 149/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Richard u Fortunata konjugi Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta’ Jannar, 2004, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u erbgha u sittin lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm364.15) rappresentanti hlas dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 2180 8766 u 2166 2865 u dana kif jirrizulta mid-dokumenti A u B annessi ma’l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex l-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u erbgha u sittin lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm364.15), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------